

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

FINALI
A6-0057/2007

6.3.2007

RAPPORT

dwar servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea
(2006/2134(INI))

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Joel Hasse Ferreira

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW **Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA **Error! Bookmark not defined.**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET EKONOMIĊI U MONETARJI **Error! Bookmark not defined.**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TA' L-IKEL..... **Error! Bookmark not defined.**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR **Error! Bookmark not defined.**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI **Error! Bookmark not defined.**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI **Error! Bookmark not defined.**

PROĊEDURA..... **Error! Bookmark not defined.**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea (2006/2134(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Implimentar tal-programm ta' Liżbona tal-Komunità: Servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea (COM(2006)0177) u d-dokument ta' ħidma meħmuż ta' l-istaff tal-Komunità (SEC(2006)0516),
- wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 2, 5, 16, 86, 136, 137(1)(j) u (k), 143, 144 u 145 tiegħu,
- wara li kkunsidra il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 36 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-abbozz tat-Trattat li jistabbilixxi Kostituzzjoni għall-Ewropa, u b'mod partikulari l-Artikoli II-94 u III-122 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2006 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill għal adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi fis-suq intern¹,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell tat-23 u ta' l-24 ta' Marzu 2006,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-14 ta' Jannar 2004 dwar il-Green Paper dwar servizzi ta' interess ġenerali²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2006 dwar il-ħarsien soċjali u l-inklużjoni soċjali³,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Settembru 2006 dwar il-Mudell Soċjali Ewropew għall-futur⁴,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-27 ta' Settembru 2006 dwar il-White Paper tal-Kummissjoni dwar servizzi ta' interess ġenerali⁵,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, il-Kumitat għall-

¹ *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0490.

² ĠU C 92 E, 16.4.2004, p. 294.

³ *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0089.

⁴ *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0340.

⁵ *Testi Adottati*, P6_TA(2006)0380.

Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A6-0057/2007),

- A. billi servizzi soċjali ta' interess ġenerali (SSGIs) jiffurmaw wieħed mill-pilastru tal-mudell soċjali Ewropew, u jwettqu parti essenzjali fl-iżgurar tal-paċi ċivika u fil-koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika ta' l-Unjoni Ewropea, u huma wieħed mill-mezzi biex jintlaħqu l-oġettivi ta' l-Istrateġija ta' Liżbona,
- B. billi, minbarra dan, l-SSGIs huma mfassla biex isaħħu l-effett tal-valuri maqsuma fl-Ewropa kollha anke, fost l-oħrajn, il-ġustizzja soċjali, l-ugwaljanza, is-solidarjetà u l-iżvilupp tad-demokrazija u l-libertà, u billi l-iskop aħħari ta' l-SSGI huwa li jħares id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini u r-rispett għad-dinjità umana,
- C. billi l-SSGIs m'għandhomx jitqiesu bħala ostakolu għall-awtoritajiet pubbliċi, minħabba, għall-kuntrarju, huma jiġġeneraw esternalitajiet pożittivi f'termini ta' tkabbir ekonomiku, prosperità, impjiegi u koeżjoni soċjali,
- D. billi l-SSGIs huma pprovduti f'ambjent li qed jinbidel li jridu jaġġustaw infushom għalih b'mod regolari biex iżommu standards għoljin ta' kwalità u ta' effiċjenza,
- E. billi d-disponibilità ta' servizzi soċjali essenzjali tvarja b'mod konsiderevoli minn Stat Membru għal ieħor; billi, iżda, is-servizzi konċernati għandhom ikunu provduti tul it-territorju ta' l-Unjoni Ewropea kollu biex jiżguraw il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha,
- F. billi xi ambigwiżà tolgot ċerti kunċetti bażiċi f'dan il-qasam, bħal 'servizz pubbliku', 'servizz ta' interess ġenerali', 'servizz ta' interess ekonomiku ġenerali', u 'servizz soċjali ta' interess ġenerali', u billi din l-ambigwiżà hija riflessa f'atti reċenti tal-Komunità, u b'hekk tikkontribwixxi għall-inċertezza legali li hija komuni fis-settur,
- G. billi n-nuqqas ta' regolament statutorju wassal għal korpi wiesi ta' interpretazzjoni ġudizzjarja, li mhux dejjem ikun konsistenti; billi s-setturi kollha kkonċernati qed isejju għal qafas operattiv ċar li jnaqqas il-ħtieġa għal interpretazzjoni ġudizzjarja sa livell minimu u jimmira biex jikseb livell massimu ta' ċertezza legali,
- H. billi, b'konsegwenza, teżisti ħtieġa urġenti biex ikunu ċċarati l-kunċetti kkonċernati u l-qafas legali li joperaw fih l-SSGIs, u b'mod partikulari biex ikun iċċarat il-prinċipju ta' 'interess ġenerali' u r-regoli dwar il-kompetizzjoni u l-ġħajnuna mill-fondi pubbliċi,
- I. billi servizzi soċjali ma jridu taħt ebda ċirkustanza jitnaqqsu għal kategorija residwa definita mill-fatt li huma ma jistgħux ikunu mqabbla jew ma' servizzi kummerċjali jew ma' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali; billi, għall-kuntrarju, minħabba fis-settur tas-soċjetà li huma jindirizzaw il-ħtiġijiet tiegħu, u l-karatteristiċi distintivi ta' l-organizzazzjoni tagħhom, iffinanzjar u kompetenza, huma jridu jitqiesu bħala kategorija ta' servizzi separata u speċifika ta' importanza fundamentali għas-soċjetà,
- J. billi s-settur ta' l-SSGI jipprovdri impjieg għal numru ta' persuni dejjem jiżdied, ir-rata ta' żieda fl-impjiegi f'dan is-settur hija oġhla mill-medja ta' setturi oħrajn ta' l-ekonomija,

numru kbir ta' nisa huma impjegati f'dan is-settur, u s-settur fih mudelli ta' impjieg flessibbli u interessanti, b'hal xogħol part-time, 'flexitime' u xogħol volontarju, li għandhom ikunu inkoraġġuti u jirċievu protezzjoni adegwata skond il-liġi tax-xogħol; billi, minn naħa l-oħra, is-settur jippreżenta wkoll ċirkustanzi allarmanti ta' nuqqas ta' sigurtà ta' l-impjieg, li għandhom ikunu evitati,

- K. billi s-servizzi tas-saħħa, li huma esklużi mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-SSGIs, huma SSGIs ukoll, u jaqsmu l-istess karatteristiċi u objettivi; jirrikonoxxi, iżda, il-karatteristiċi speċjali ġejjin mill-organizzazzjoni kumplessa ta' servizzi tas-saħħa u l-piż finanzjarju tagħhom li jippreżentaw fuq l-awtoritajiet pubbliċi ta' l-Istati Membri,
1. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni, li hija magħquda ma' l-implimentazzjoni tal-White Paper dwar servizzi ta' interess ġenerali u hija mfassla biex tipprovdi qafas speċifiku kunċettwali u legali għas-servizzi kkonċernati; iżda jqis li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-SSGIs ma tipprovdi kjarifika suffiċjenti dwar il-klassifikazzjoni u d-definizzjoni ta' SSGIs, u tippostponi kwalunkwe deċiżjoni dwar il-qafas legali li għandha tapplika għalihom;
 2. Isostni mill-ġdid l-impenn tiegħu għal SSGI modern u ta' kwalità għolja bbażat fuq il-valuri ta' l-ugwaljanza, is-solidarjetà, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-dinjità umana, u l-prinċipji ta' l-aċċessibilità, servizz universali, effiċjenza, mmaniġġjar ekonomiku ta' riżorsi, kontinwità, prossimità għal utenti tas-servizz u trasparenza, li jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tad-dmirijiet tal-Komunità kif stipulati fl-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat;
 3. Huwa konvint li l-SSGIs huma mezz xieraq li jsaħħaħ id-dimensjoni soċjali ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, li jilhq u l-objettivi ta' l-aġenda soċjali u li jindirizzaw sfidi b'hal globalizzazzjoni, bidla industrijali, progress teknoloġiku, bidla demografika, emigrazzjoni u tendenzi soċjali u ta' impjieg dejjem jinbidlu, u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' Ewropa soċjali;
 4. Jilqa' r-rikonoxximent tal-Kummissjoni tal-karatteristika speċjali tal-karatteristiċi prinċipali fejn l-SSGIs jistgħu jkunu definiti, li tiddistingwihom minn tipi oħra ta' servizzi; iżda jqis li l-kriterji organizzattivi li, skond il-komunikazzjoni msemmija hawn fuq, huma l-karatteristiċi uniċi ta' l-SSGIs, ma jistgħux ikunu aċċettati minbarra fuq bażi proviżorja u indikattiva, sakemm joħorġu konklużjonijiet aktar definittivi mill-proċess ta' konsultazzjoni li l-Kummissjoni ħasbet biex twettaq ma' l-Istati Membri u fornituri u utenti ta' SSGI;
 5. Iqis li jkun żball li jkun adottat approċċ lejn l-SSGI li jstabilixxi oppożizzjoni falza bejn regoli dwar il-kompetizzjoni, l-għajjuna pubblika u s-suq minn naħa, u kunċetti ta' servizz pubbliku, interess ġenerali u koeżjoni soċjali minn naħa l-oħra; għall-kuntrarju iqis li huwa meħtieġ li dawn ikunu rikonċiljati bil-promozzjoni ta' sinerġiji pożittivi bejn l-aspetti ekonomiċi u soċjali; iżda jinnotta li fil-każ ta' SSGIs, ir-regoli tal-kompetizzjoni, l-għajjuna pubblika u s-suq intern iridu jkunu kompatibbli mar-rekwiżiti tas-servizz pubbliku, u mhux bil-maqlub;
 6. Jirrikonoxxi li, fil-każ ta' SSGIs, hemm żewġ fatturi kontrastanti li jridu jkunu rikonċiljati: minn naħa, il-prinċipju tas-sussidjarjetà li jħares il-libertà ta' l-awtoritajiet ta'

l-Istat Membru biex jiddefinixxu, jorganizzaw u jiffinanzjaw SSGIs kif jaħsbu li jkun xieraq, bi qbil mal-prinċipju ta' proporzjonalità, u, minn naħa l-oħra, ir-responsabilità konġunta tal-Komunità bi qbil mat-Trattat, u b'mod partikulari l-Artikolu 16 tiegħu, u l-eżistenza tal-valuri u prinċipji stabbiliti li huma maqsuma fi ħdan l-Ewropa u li jridu jkunu rispettati minn kulħadd, billi jkun żgurat li r-regoli li huma suġġetti għalihom l-SSGIs iħarsu d-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità ta' l-individwu;

7. Iżda jqis li fir-rigward tal-karatteristiċi partikulari ta' l-SSGIs, li jirrelataw mal-karatteristika tas-servizzi u tas-sitwazzjoni ta' dawk li jibbenefikaw minnhom, il-missjoni ta' interess ġenerali tagħhom u n-nuqqas ta' abilità tas-suq li jilħaq ċerti rekwiżiti fil-qasam tas-servizzi soċjali, li, f'każ ta' kunflitt, għandha tingħata prijorità għad-difiża ta' l-interess ġenerali, li hija l-karatteristika u l-aspett uniku ta' l-SSGIs;
8. Jinnota bi tħassib f'dan ir-rigward li ċerti inizjattivi reċenti biex ikun applikat għal ċertu SSGI, regoli u prinċipji xierqa għal servizzi u servizzi ta' interess ġenerali ekonomiku, mingħajr ma jitqiesu l-fatturi u l-prinċipji li jiddistingwu SSGIs minn servizzi oħrajn;
9. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli l-proċess ta' konsultazzjoni f'aktar dettal sabiex tiċċara l-applikazzjoni ta' ċerti regoli Komunitarji għas-servizzi soċjali; barra minn hekk, huwa ta' l-opinjoni li l-proċess propost ta' konsultazzjoni estiż għandu jitlesta sa nofs l-2007 u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tfassal deċiżjoni dwar kif għandu jitkompla dan il-proċess u tidentifika l-aħjar approċċ, inkluża l-kunsiderazzjoni tal-ħtieġa u l-leġittimità ta' proposta leġiżlattiva li hija speċifika għal settur;
10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jiproteġu u jippromwovu s-sistemi ta' impjieg li ta' spiss jinsabu fis-settur tas-SSIĠ (Servizzi Soċjali ta' Interess Ġenerali), inkluż l-impjieg tan-nisa, sigħat flessibbli tax-xogħol, xogħol part-time u l-użu tas-settur tal-volontarjat, filwaqt li jittieħed ħsieb sabiex ma jkunux imħeġġa l-frodi u l-insikurezza ta' l-impjieg u mingħajr ma jikkawżaw tnaqqis fil-kundizzjonijiet ta' l-impjieg tal-ħaddiema fis-settur jew jirrikorru għal ħaddiema mhux kwalifikati jew bi kwalifiki baxxi; jistieden ukoll lill-Kummissjoni sabiex tinkludi, matul il-proċess ta' konsultazzjoni u fir-rapport tagħha, mistoqsijiet relatati ma' l-inklużjoni ugwali tas-sessi;
11. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u l-l-fornituri tas-SSIĠ, fid-dawl ta' l-istress, is-sigħat tax-xogħol (xift u xogħol ta' bil-lejl) u n-natura perikoluża jew iebes ta' ċerti attivitajiet mwettqa mis-servizzi soċjali, biex jiżviluppaw inizjattivi ta' taħriġ vokazzjonali maħsuba sabiex jippermettu lill-ħaddiema li jaġġustaw u li jkampaw ma' dawn iċ-ċirkustanzi, bil-għan li jkunu żgurati servizzi ta' kwalità aqwa u jtejbu l-kundizzjonijiet ta' xogħol u ta' ħajja għall-ħaddiema f'dan is-settur; iqis ukoll li, minħabba n-natura dejjem tinbidel tal-ħtiġijiet tas-SSIĠ, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jiżguraw li l-ħaddiema fis-SSIĠ jkollhom livell għoli ta' taħriġ vokazzjonali;
12. Jifraħ lill-Kummissjoni għad-deċiżjoni tagħha li fid-definizzjoni u fl-organizzazzjoni tas-SSIĠ, tikkonsulta 'l dawk kollha involuti; jemmen li dan id-djalogu se jwassal għal trasparenza akbar u servizzi ta' kwalità aħjar u jgħin sabiex jingħataw aktar saħħa l-prinċipji u l-valuri li fuqhom huma msejsa;
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jirrispettaw id-diversità tal-metodi ta' l-organizzar u l-immaniġġjar tas-SSIĠ, tar-riżorsi tagħhom u tal-metodi ta' l-

iffinanzjar ta' dawn is-servizzi; jappella wkoll biex ikunu stabbiliti sħubiji bejn is-settur privat u dak pubbliku sabiex jingħataw dawn is-servizzi, filwaqt li jittieħed ħsieb li jkun promoss l-interess ġenerali u tkun żgurata l-provvista ta' servizzi effiċjenti u ta' kwalità għolja;

14. Iqis li d-diversi awtoritajiet kompetenti pubbliċi ta' l-Istati Membri huma ħielsa li jiddeċiedu jekk is-SSIĠ għandhomx jingħataw minn assoċjazzjonijiet reċiproki, forom oħra ta' organizzazzjonijiet soċjali jew negozji privati, fil-każi fejn il-forniment tas-servizzi mis-settur privat huwa kompatibbli mal-prinċipju tal-ħarsien ta' l-interess ġenerali, iżda jqis li, fi kwalunkwe ħin, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ikunu jistgħu jivverifikaw li l-fornituri tas-servizzi jkunux jikkonformaw mal-prinċipji u l-valuri assoċjati mas-SSIĠ u jekk is-servizzi jkunux qed jingħataw skond ir-rekwiżiti speċifikati minn qabel mill-awtoritajiet pubbliċi;
15. Jilqa' b'sodisfazzjon l-involvement tad-ditti fl-iffinanzjar, appoġġ u għoti tas-SSIĠ, fil-kuntest tal-qadi tar-responsabilitajiet soċjali tagħhom, u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jinvolvu aktar lill-imsieħba soċjali fl-iżvilupp ta' metodi ta' dan it-tip, skond id-drawwiet ta' kull Stat Membru;
16. Jinnota li f'xi Stati Membri, id-deċentralizzazzjoni tas-setgħat lejn awtoritajiet reġjonali jew lokali bil-għan li jingħataw SSIĠ, ma twettqitx flimkien ma' allokazżjoni ta' riżorsi baġitarji suffiċjenti li tippermettilhom li joffru servizzi ta' l-ogħla livell f'termini kwantitattivi u ta' kwalità; għaldaqstant jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżguraw li kull trasferiment ta' setgħat favur awtoritajiet reġjonali jew lokali bil-għan li jingħataw SSIĠ isir flimkien ma' l-għoti ta' riżorsi baġitarji adegwati;
17. Jirakkomanda s-sejħa għal forum, taħt l-awspiċji tal-Parlament Ewropew, li jressaq flimkien organizzazzjonijiet soċjali Ewropej u rappreżentanti mill-Kunsill u l-Kummissjoni sabiex ikun ta' gwida fil-mod kif dan il-proċess għandu jitwettaq;
18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

1. Is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali huma komponent ewlieni tal-mudell soċjali Ewropew. Jekk hemm hteġa li jkun żviluppat is-suq intern u li tissaħħaħ il-kompetittività esterna sabiex ikun iggarantit tkabbir ekonomiku madwar l-Unjoni, huwa daqstant importanti li tkun iggarantita l-funzjoni xierqa tas-servizzi soċjali madwar l-Unjoni. Dan jgħin biex jiggarantixxi l-koeżjoni soċjali madwar l-Unjoni Ewropea u sabiex tingħata dimensjoni Prattika u konkreta lill-aspetti soċjali ta' l-Istrateġija ta' Liżbona.
2. L-Ewropa bħalissa qed tesperjenza qafas demografiku li għadda minn bidla radikali. Iż-żjieda fil-medja ta' l-għomor fit-territorju ta' l-Unjoni u t-tnaqqis fir-rata tat-twelid fil-maġġoranza l-kbira ta' l-Istati Membri wasslu għal qafas soċjali li nbidel ferm. Dan il-proċess qed jinfluwenza l-politiki fl-oqsma tas-sigurtà u l-ħarsien soċjali, tas-solidarjetà interġenerazzjonali, tal-politiki tal-familja, tax-xogħol b'siġhat flessibbli, kif ukoll tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.
3. Ħafna ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea huma sensitivi ħafna għall-aspetti soċjali tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea. Dan kien muri biċ-ċar permezz tal-proċess ta' referendum dwar it-Trattat tal-Konstituzzjoni, li sar f'diversi Stati Membri. Ta' spiss saret rabta bejn it-test inizjali tad-Direttiva dwar is-Servizzi, li tat lok għal ħafna tħassib f'diversi inħawi u setturi, l-aktar fil-punent ta' l-Ewropa, u t-tnaqqis, apparenti jew reali, fl-attenzjoni li l-UE qed tagħti lill-aspetti soċjali ta' l-integrazzjoni Ewropea. F'dan il-kuntest politiku wkoll, il-proċess maħsub sabiex jikkjarifika l-irwol speċifiku tas-SSiĠ, u tas-SiĠ fis-sħuħija tiegħu, jista' jirriżulta li jkun kemm utli kif ukoll informattiv bil-ħsieb ta' żviluppi fil-ġejjieni fil-proċess ta' l-integrazzjoni Ewropea madwar l-Unjoni.
4. Il-komunikazzjoni ppreżentata f'isem il-Kummissjoni minn Vladimir Špidla, dwar is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea tipprovdni opportunità sabiex ikun iċċarat l-irwol tas-SSiĠ madwar l-Ewropa, f'termini ta' aspetti soċjali u ċertezza legali. Bla dubju tagħti wkoll opportunità għal dibattitu estensiv li għandu jmur 'l hinn mit-tfassil ta' dan ir-rapport parlamentari u mid-dibattitu u l-votazzjoni dwaru. Dan id-dibattit mwessa' għandu wkoll jinvolvi l-organizzazzjonijiet soċjali li jaħdmu fuq livell Ewropew, lill-awtoritajiet reġjonali u lokali, lill-Parlament Ewropew, lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.
5. Wieħed mill-aspetti li jeħtieġ li jkunu analizzati huwa l-ħolqien possibbli ta' strument legali fil-qasam tas-servizzi soċjali, li għandu jkopri wkoll is-saħħa, sabiex jiggarantixxi ċ-ċarezza politika fil-proċeduri u fiċ-ċertezza legali għall-organizzazzjonijiet soċjali involuti. Dan għandu wkoll jstabbilixxi prinċipji ġenerali relatati ma' azzjoni f'dan il-qasam mill-awtoritajiet pubbliċi involuti, kemm jekk ikunu lokali, reġjonali, ta' stati federali jew komunitajiet awtonomi.
6. Jidher li huwa assolutament meħtieġ li, fejn awtoritajiet lokali jew reġjonali jwettqu funzjonijiet divrenzjati li jappoġġjaw u jiffinanzjaw is-SSiĠ, ir-riżorsi allokatu fuq livell nazzjonali għandhom ikunu adegwati sabiex jippermettu lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li jilħqu l-funzjoni soċjali tagħhom b'mod komprensiv u fuq livell għoli, b'mod partikulari fir-rigward ta' l-appoġġ għas-SSiĠ. Huwa wkoll meħtieġ ferm li dejjem tkun żgurata t-

trasparenza sħiħa fir-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-organizzazzjonijiet soċjali.

7. L-arranġamenti ta' organizzazzjoni u ta' maniġment tas-SSiĠ ivarjaw fil-wisa' fl-Istati Membri. Din id-diversità għandha tiġi rrispettata, u f'kull każ għandhom ikunu vverifikati l-kwalità tas-servizzi mogħtija u l-użu xieraq ta' kull riżorsi pubbliċi mogħtija, kemm riżorsi nazzjonali, kif ukoll dawk Komunitarji.
8. Hi x'inh, din il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni hija pass lejn il-kisba ta' stejtus legali ċar għas-SSiĠ. It-twettiq tal-proċess mwessa' li din tirrakkomanda jista' jgħin sabiex jiddefinixxi u jiċċara l-istejtus legali ta' organizzazzjonijiet reċiproċi u ta' organizzazzjonijiet oħra li huma attivi fis-settur soċjali fl-Unjoni, li tidher li hi ħaġa meħtieġa, ġusta u utli.
9. Is-SSiĠ għandhom il-fatturi kollha meħtieġa sabiex isaħħu d-dimensjoni soċjali ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, f'sens tal-volum ta' impjeg li jistgħu joħolqu u l-koeżjoni soċjali li jgħinu biex jiggerantixxu, iżda l-aktar minħabba l-irwol soċjali li jwettqu b'modi diversi fl-Unjoni Ewropea.
10. Huwa fatt li politiki soċjali attivi ma jistgħux jinfirdu minn politiki ekonomiċi. Politika ekonomika li tippromwovi l-iżvilupp u l-ħolqien ta' impjegi tkun ta' kontribut deċiżiv għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politika soċjali aktar attiva. Dan jagħmel possibbli li ssir rabta bejn it-tkabbir ekonomiku u l-koeżjoni soċjali.
11. Il-ħidma li titwettaq minn dawk li fuq bażi volontarja jikkollaboraw ma' organizzazzjonijiet li jipprovdu SSiĠ b'mod konkret, jeħtieġ li tkun rikonoxxuta b'mod ċar u sħiħ madwar l-Unjoni Ewropea. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jkunu żviluppatti attivitajiet ta' taħriġ vokazzjonali li jippermettu titjib fil-kwalità tas-servizzi soċjali mogħtija mill-voluntiera u mill-ħaddiema bi ħlas tas-SSiĠ.
12. Huwa wkoll meħtieġ li jitqies l-irwol tas-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali madwar l-Unjoni Ewropea, u tkun żgurata kjarifika ġenerali tal-kunċetti ta' servizz ta' interess ġenerali, tas-SSiĠ u ta' servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali sabiex tingħata ċertezza legali lill-parteċipanti kollha fil-qasam soċjali u tikkjarifika l-proċeduri rilevanti.
13. Id-diversità tal-mudelli ta' organizzazzjoni u tas-sistemi ta' maniġment fis-SSiĠ għandha tkun irrisspettata madwar l-Unjoni Ewropea. Il-proċeduri u r-regoli ta' l-iffinanzjar għas-servizzi jridu jkunu konformi mal-prinċipji komuni ta' trasparenza u ta' monitoraġġ mill-awtoritajiet pubbliċi sabiex tkun żgurata l-adegwatezza tal-ħidma mwettqa mqabbla mal-missjonijiet soċjali ta' interess pubbliku li huma r-responsabilità tas-SSiĠ madwar l-Ewropa. Għaldaqstant jeħtieġ li tittieħed azzjoni sabiex tiggerantixxi mhux biss ir-rispett għall-interess ġenerali iżda wkoll il-provvista ta' servizzi effettivi u ta' kwalità għolja li jikkonformaw mal-missjonijiet iddefiniti mill-awtoritajiet pubbliċi.
14. Negożji li huma konxji tar-responsabilitajiet soċjali tagħhom jkollhom kull interess li jikkontribwixxu għall-iffinanzjar tal-forniment tas-SSiĠ u għall-appoġġ għalihom, u jistgħu tabilħaqq jipprovdu spinta favur l-introduzzjoni jew it-titjib tagħhom, meta dan ikun ġustifikat.

15. Hu x'inhw, safejn jidħlu is-SSIĠ, huwa meħtieġ li tkun żgurata t-trasparenza kollha possibbli fl-ġħoti ta' konċessjonijiet jew sottokuntratti għall-forniment ta' prodotti jew servizzi lil organizzazzjonijiet soċjali.
16. F'dan il-kuntest huwa importanti ħafna li wieħed jiċċara mhux biss il-prinċipju ta' interess ġenerali iżda wkoll ir-regoli li jirregolaw il-kompetizzjoni u l-ġħajnuna mill-istat. Ma' dan, għandu ovyament jittqies il-prinċipju tas-sussidjarjetà, li jiggarrantixxi lill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali l-libertà li jiddefinixxu, jorganizzaw u jiffinanzjaw is-SSIĠ, u tal-prinċipju tal-proporzjonalità, b'konformità mal-valuri fundamentali Ewropej.
17. Dawn id-dikjarazzjoni u r-rapport spjegattivi huma maħsuba biex jgħinu sabiex jissaħħu l-aspetti soċjali tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea, u jiggarrantixxu ċ-ċertezza legali meħtieġa għall-parteċipanti soċjali u għall-awtoritajiet pubbliċi u jiżguraw trasparenza finanzjarja, il-kompatibilità mitluba mar-regoli applikabbli tas-suq intern, u titjib fil-kwalità tas-servizzi mogħtija, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà u filwaqt li titqies il-ħtieġa li tingħata dimensjoni Prattika u konkreta lill-Istrateġija ta' Liżbona fil-qasam soċjali.

20.12.2006

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET EKONOMIĊI U MONETARJI

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea
(2006/2134(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Bernhard Rapkay

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi, l-SGIs m'humiex biss element importanti tal-koeżjoni soċjali u ekonomika, iżda jikkontribwixxu wkoll b'mod kunsiderevoli għall-kompetittività ta' l-ekonomija Ewropea,
- B. billi l-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej issa hija estensiva, qiegħda tiżviluppa kontinwament u tikkonċerna aspetti varji ta' l-SGIs, inklużi l-ġhajjnuna mill-Istat, it-trattament ugwali u/jew it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni; billi l-bosta każijiet miġjuba quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja relatati mal-kompatibilità ta' l-SGIs mar-regoli tas-suq intern, iqajjmu l-kwistjoni ta' kjarifika legali f'dan il-qasam; ikkonfermat mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni; billi l-awtoritajiet pubbliċi u l-operaturi fil-qasam tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali jaraw evoluzzjoni kostanti fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja, partikularment dwar il-kunċett ta' l-"attività ekonomika" bħala ġhajjn ta' inċertezza, billi għalkemm il-każistika u l-leġiżlazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam fittxew li jintroduċu kjarifika u li jnaqqsu l-inċertezza, baqa' ċertu ambigwità;
- C. billi, fid-dawl tal-prinċipju ta' sussidjarjetà stipulat l-Artikolu 5(2) tat-Trattat KE, l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u/jew lokali tagħhom iridu jiddefinixxu l-SGIs u jiddeċiedu liema servizzi għandhom jiġu koperti u kif dawn għandhom jiġu organizzati. iffinanzjati, mwassla, evalwati u kkontrollati, u dan għandu jkun irrispettat b'mod sħiħ fl-abbozzar ta' leġiżlazzjoni ulterjuri,

- D. billi fl-Artikolu 2 tad-Direttiva dwar is-servizzi fis-suq intern ċertu servizzi soċjali relatati mal-binijiet tal-gvern, mal-kura tat-tfal u ma' l-appoġġ tal-familji u ta' persuni fi bżonn permanenti jew temporanju u li huma pprovduti mill-Istat, minn fornituri mqabnda mill-Istati jew minn karitajiet rikonoxxuti bħala tali mill-Istati huma espliċitament esklużi mill-iskop tad-Direttiva,
1. 1. Jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tkompli l-proċess ta' konsultazzjoni f'aktar dettal sabiex tiċċara l-applikazzjoni ta' ċerti regoli Komunitarji dwar is-servizzi soċjali; barra minn hekk, huwa ta' l-opinjoni li l-proċess propost ta' konsultazzjoni estiża għandu jitlestsa sa nofs l-2007 u jitlob lill-Kummissjoni sabiex tfassal deċiżjoni dwar kif għandu jitkompla dan il-proċess u tidentifika l-aħjar metodu, inkluż il-konsiderazzjoni tal-ħtieġa u l-leġittimità ta' proposta leġiżlattiva li hija speċifika għal settur.
 2. 2. Jisħaq li l-SGIs għandhom ikunu ta' kwalità għolja, għandhom jinkludu kopertura komprensiva, għandhom jiġu provduti bl-aħjar prezz possibbli, għandhom jirrispettaw il-bilanċ soċjali, u għandhom ikunu provduti fuq il-bażi tas-sigurtà fid-dewmien tal-provvista tagħhom; u jenfasizza li l-biċċa l-kbira ta' l-SGIs jistgħu jiġu provduti bil-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta, skond il-prinċipju li l-intrapriżi privati u pubbliċi għandhom jirċievu trattament ugwali;
 3. Ifakkar fil-fatt li l-regoli fis-seħħ f'dan il-qasam huma definiti mill-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja u mill-interpretazzjoni tal-Kummissjoni ta' każijiet individwali, u li, għalhekk la iċ-ċertezza legali u lanqas it-trasparenza xierqa għandhom ma nkisbu;
 4. Jenfasizza li f'dawk il-każijiet fejn ir-regoli tas-suq tal-KE manifestament ixekklu l-provvista ta' servizzi pubbliċi, miżuri ta' mira u regolamenti speċifiċi għal setturi huma s-soluzzjoni preferuta u evalwazzjoni dettaljata u kontinwa tas-servizzi pubbliċi fl-UE, li tidentifika l-oqsma problematiċi, għandha tkun il-bażi ta' kull proposta għal politika;
 5. Għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiżgura aktar ċertezza legali fil-qasam ta' SGIs ta' kura soċjali u tas-saħħa u fejn meħtieġ tifformula proposta għal direttiva tal-Kunsill u tal-Parlament speċifika għas-settur fl-oqsma fejn hija xierqa; barra minn hekk jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra u tressaq il-proposti rilevanti kollha, sabiex tevita problemi ta' demarkazzjoni;

PROĊEDURA

Titolu	Servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea
Numru tal-proċedura	2006/2134(INI)
Kumitat responsabbli	EMPL
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 15.5.2006
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Bernhard Rapkay 15.5.2006
Rapporteur għal opinjoni preċedenti	
Eżami fil-kumitat	6.11.2006 22.11.2006
Data ta' l-adozzjoni	20.12.2006
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 33 -: 2 0: 0
Members present for the final vote	Zsolt László Becsey, Pervenche Berès, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Elisa Ferreira, Jean-Paul Gauzès, Donata Gottardi, Sophia in 't Veld, Wolf Klinz, Andrea Losco, Astrid Lulling, Cristobal Montoro Romero, Joseph Muscat, John Purvis, Alexander Radwan, Bernhard Rapkay, Dariusz Rosati, Eoin Ryan, Antolín Sánchez Presedo, Manuel António dos Santos, Olle Schmidt, Margarita Starkevičiūtė, Sahra Wagenknecht
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Katerina Batzeli, Valdis Dombrovskis, Harald Ettl, Syed Kamall, Werner Langen, Klaus-Heiner Lehne, Alain Lipietz, Jules Maaten, Vladimír Maňka, Thomas Mann, Corien Wortmann-Kool
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2) preżenti għall-votazzjoni finali	Reinhard Rack
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)	...

22.11.2006

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TA' L-IKEL

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea
(2006/2134(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Roberto Musacchio

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni tiegħu għal riżoluzzjoni:

1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-mira tal-Komunikazzjoni dwar is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali li tippromwovi l-modernizzazzjoni tas-servizzi soċjali fi ħdan il-Komunità biex tipprovdi servizzi b'livell għoli ta' kwalità, sikurezza u effiċjenza, li jirrispettaw id-drittijiet tal-konsumatur u ta' l-utent, id-dinjità tal-pazjent u l-libertà biex ikunu pprovduti servizzi transkonfinali; iqis li hi ħaġa mixtieqa li tkun żgurata sikurezza legali akbar rigward servizzi ta' interess ġenerali, b'mod partikulari s-servizzi soċjali u l-kura medika u farmaċewtika, permezz ta' proposta għal direttiva speċifika settorjali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jekk ikun meħtieġ;
2. Jinnota li s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali huma essenzjali għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fl-UE, peress li jwieġbu għall-obbligazzjonijiet tas-servizz pubbliku u għall-oġġettivi ta' interess ġenerali ddefiniti mill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà; jenfasizza l-importanza tat-trasparenza fid-definizzjoni ta' dawn l-oġġettivi b'mod partikulari minħabba li servizzi bħal dawn qed ikunu pprovduti aktar u aktar minn partijiet terzi, permezz ta' sħubiji bejn is-settur privat u dak pubbliku u xogħol esternalizzat, u b'hekk jaqgħu taħt il-liġi Komunitarja;
3. Hu tal-fehma li l-libertà biex ikunu pprovduti servizzi soċjali ta' interess ġenerali u l-libertà biex il-fornituri tas-servizzi kkonċernati jstabilixxu ruħhom għandhom iġibu magħhom rispett lejn u jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni ta' l-oġġettivi ta' l-aċċess

universali indaqs u l-kundizzjonijiet ġusti fil-forniment ta' servizzi bħal dawn fi ħdan ir-rekwiżiti ġenerali kif iddefiniti mill-Istati Membri;

4. Isostni li s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali jwasslu għall-possibilità li jkun iggarantit l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali ta' ċittadini ta' l-UE, peress li dawn jikkonċernaw servizzi primarji għal ħajja ta' kuljum; għalhekk, iqis, li huma jeħtieġu li jitqiesu bħala settur speċifiku li jindirizza b'mod prinċipali l-prinċipji tas-solidarjetà, l-inklużjoni soċjali, l-effiċjenza u s-sostenibilità finanzjarja; jirrikonoxxi l-irwol tas-settur privat f'dan ir-rigward;
5. Jisħaq li, waqt l-evalwazzjoni tal-karatteristiċi fil-forniment ta' servizzi bħal dawn, l-awtoritajiet pubbliċi għandhom iqisu, bħala fattur dominanti, il-vantaġġi li jirriżultaw mill-garanzija ta' koeżjoni soċjali u ta' inklużjoni soċjali aħjar meta l-utenti huma spiss involuti direttament fil-forniment tas-servizzi permezz ta' organizzazzjonijiet li ma jfittxux profitt.
6. Jenfasizza li, bil-provvediment għar-riskji tal-ħajja ta' kuljum, bħal m'huma dawk li jikkonċernaw is-saħħa, l-inċidenti relatati max-xogħol, eċċ., trid tingħata attenzjoni partikulari lill-persuni dipendenti, kemm jekk id-dipendenza tagħhom hija konnessa ma' disabilità jew ma' l-età;
7. Jinnota li kontroll fuq livell Ewropew għandu jgħin biex ikun żgurat li fil-forniment ta' dawn is-servizzi, l-Istati Membri jiggarrantixxu l-prinċipji li ġejjin:
 - aċċess universali indaqs;
 - kopertura territorjali sħiħa, aċċessibilità ġeografika u soċjali għal servizz serju ta' kwalità għolja u bi prezzijiet għall-but ta' kulħadd u bi standards ta' kwalità uniformi;
 - tariffi konċessjonarji soċjalment aċċettabbli għall-persuni b'diżabilità u għall-gruppi bi dħul baxx u mekkaniżmi mfassla biex jikkumbattu l-esklużjoni soċjali;
 - miżuri biex ikunu evitati d-disparitajiet reġjonali u jkunu assigurati ċ-ċertezza legali, it-trasparenza u l-konformità mal-kundizzjonijiet ta' qafas għall-forniment tas-servizzi;
8. Huwa tal-fehma li f'konformità ma' dawn il-prinċipji, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu ħielsa li jistabilixxu skemi ta' awtorizzazzjoni f'dak li jirrigwarda l-aċċess għall-organizzazzjoni tas-servizzi soċjali, waqt li fl-istess ħin jirrispettaw il-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni;
9. Għalhekk, jitlob li jkun hemm aktar konsultazzjoni u koperazzjoni bejn dawk ikkonċernati biex jitwaqqaf il-qafas meħtieġ għall-iffunzjonar u għat-twettiq ta' l-oġettivi tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali filwaqt li jirrispettaw il-prinċipji u l-valuri li jiggwidawhom;

PROĊEDURA

Titolu	Servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea
Numru tal-proċedura	(2006/2134(INI))
Kumitat responsabbli	EMPL
Kumitat mitlub jagħti opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 15.6.2006
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
Rapporteur għal opinjoni: Data tal-ħatra	Roberto Musacchio 14.6.2006
Rapporteur għal opinjoni preċedenti	
Eżami fil-kumitat	3.10.2006
Data ta' l-adozzjoni	21.11.2006
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 44 -: 1 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Adamos Adamou, Georgs Andrejevs, Irena Belohorská, Johannes Blokland, Frieda Brepoels, Dorette Corbey, Chris Davies, Avril Doyle, Mojca Drčar Murko, Edite Estrela, Jill Evans, Anne Ferreira, Karl-Heinz Florenz, Alessandro Foglietta, Matthias Grootte, Françoise Grossetête, Satu Hassi, Jens Holm, Mary Honeyball, Caroline Jackson, Aldis Kušķis, Peter Liese, Jules Maaten, Roberto Musacchio, Péter Olajos, Adriana Poli Bortone, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Dagmar Roth-Behrendt, Guido Sacconi, Kathy Sinnott, Antonios Trakatellis, Evangelia Tzampazi, Thomas Ulmer, Marcello Vernola, Anja Weisgerber, Åsa Westlund, Anders Wijkman
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Bairbre de Brún, Christofer Fjellner, Milan Gaľa, Vasco Graça Moura, Erna Hennicot-Schoepges, Ria Oomen-Ruijten, Pál Schmitt, Renate Sommer, Bart Staes, Andres Tarand
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	

27.11.2006

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea
(2006/2134(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Luisa Fernanda Rudi Ubeda

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni li se jadotta:

- A. billi s-servizzi soċjali ta' interess ġeneral m'humix suġġetti għal xi dispożizzjonijiet speċjali fit-Trattati, għalkemm jikkostitwixxu wieħed mill-oqsma l-aktar sinjifikanti tas-servizzi ta' interess ġenerali (SIĠ),
- B. madanakollu, billi s-SSIĠ jikkontribwixxu għar-rendiment tal-kompiti tal-Komunità kif iddefinit fl-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat, inkluż livell għoli ta' impjiegi u ħarsien soċjali, it-titjib tal-livell ta' l-għixien, li jintlaħaq livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u t-tiħiħ tal-koeżjoni ekonomika u soċjali;
- C. billi f'dan il-każ il-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa applikabbli kollu kemm hu, u jippermetti lill-Istati Membri jiddefinixxu s-servizzi soċjali rispettivi tagħhom, il-kompiti u l-organizzazzjoni ta' dawn is-servizzi u l-mod kif inhuma ffinanzjati, inkluż l-aċċess universali għal dawn is-servizzi vitali, essenzjali;
- D. billi, wara l-adozzjoni fit-tieni qari tal-Parlament Ewropew tal-proposta mmodifikata tad-Direttiva fuq is-servizzi fis-suq intern, is-servizzi ta' interess ġenerali mhux ekonomiċi kif iddefiniti mill-Istati Membri kienu esklużi mill-qasam ta' applikazzjoni tad-Direttiva, kif ukoll is-servizzi soċjali, bħal m'huma s-servizzi ta' l-akkomodazzjoni soċjali, is-servizzi tal-ħsieb tat-tfal u s-servizzi tal-familja;
- E. billi, minħabba l-karatteristiċi speċjali tagħhom, is-servizzi soċjali jistgħu jkollhom impatt dirett fuq is-suq intern tas-servizzi, u għandhom ukoll impatt dirett, imma ddivrenzjat, fuq

il-pubbliku, kemm irġiel u kemm nisa, skond ukoll il-gruppi soċjali li għalihom jappartienu' billi l-bidliet fis-soċjetà, inklużi bidliet demografiċi, jfissru li hemm il-ħtieġa għal aktar azzjoni mill-awtoritajiet pubbliċi biex ikun assigurat li l-piż prinċipali tal-kura ma jitħalliex għall-familji, u għalhekk, għan-nisa;

- F. billi s-suq intern tas-servizzi u r-regoli ta' kompetizzjoni jistgħu jkollhom impatt fuq il-forniment ta' SSIĠ, li jwettqu rwol vitali f'dawk li huma solidarjetà u ħarsien tan-nisġa soċjali fl-Unjoni Ewropea kollha;
1. Jilqa' b'sodisfazzjoni il-pubblikazzjoni tal-komunikazzjoni mill-Kummissjoni «Implimentazzjoni tal-programm Komunitarju ta' Liżbona - Is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea » (COM(2006)0177), imħabbra f'«Il-Ktieb l-Abjad dwar is-SIĠ» (COM(2004)0374), u li tirriżulta mill-esklużjoni tas-servizzi soċjali mill-qasam ta' applikazzjoni tal-proposta mmodifikata tad-Direttiva dwar is-servizzi fis-suq intern li fil-qafas tiegħu il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill kienet approvata fit-tieni qari mill-Parlament Ewropew; jesprimi s-sodisfazzjoni tiegħu għall-isforzi li aċċettat il-Kummissjoni biex twassal sat-tmiem il-proċess ta' konsultazzjoni kemm ma' l-Istati Membri kif ukoll mas-setturi interessati kollha kemm huma, bil-għan li jinstab bilanċ bejn il-karatteristiċi li huma speċifiċi għal dawn is-servizzi li kultant jagħmluha diffiċli li tkun utillizzata definizzjoni ġenerali li tirrigwardahom, u l-applikazzjoni tal-prinċipji tat-trasparenza, tal-kompetizzjoni ħielsa u tan-non-diskriminazzjoni, li għandhom saħħa obligatorja fl-UE, u tal-liġi Komunitarja li għandha x'taqsam mal-kuntratti għall-akkwisti pubbliċi u mal-konċessjonijiet;
 - 2.. Japprova l-mod kif li bih se taġixxi l-Kummissjoni billi jirrikonoxxi li s-servizzi soċjali huma minnhom infushom ta' natura ta' interess ġenerali; jisħaq li dawn is-servizzi essenzjali u vitali jwettqu rwol partikulari ta' ħarsien soċjali u ta' solidarjetà pprovduti direttament minn gruppi lokali u reġjonali jew li huma afdati f'idejn aġenti speċifiċi; jidhirlu li l-amministrazzjonijiet pubbliċi differenti għandhom ikunu garanti tal-forniment ta' dawn is-servizzi, fir-rigward ta' l-oġettivi li huma kienu assenjati f'affarijiet soċjali.
 3. Iqis li l-eżiġenza li jkunu mwettqa b'suċċess il-missjonijiet tagħhom, kif speċifikat fl-Artikolu 16 u l-Artikolu 86, paragrafu 2, tat-Trattat, għandha tkun applikata;
 4. Jinnota l-ħtieġa li jkun hemm konsistenza bejn il-pożizzjoni ta' l-Unjoni rigward ir-regoli tagħha applikabbli għas-SSIĠ u l-pożizzjoni li se tadotta fil-kuntest tan-negozjati tad-WTO, b'mod speċjali f'konnessjoni mal-qasam tas-servizzi soċjali u dawk tas-saħħa taħt il-Ftehimha Ġenerali dwar il-Kummerċ tas-Servizzi (GATS);
 5. Jinnota li fil-preżent l-Istati Membri għandhom diversi mudelli differenti ta' sistemi ta' servizzi soċjali u tal-forniment u l-iffinanzjar tagħhom, peress li għalkemm l-awtoritajiet pubbliċi huma responsabbli għall-forniment ta' servizzi soċjali liċ-ċittadini tagħhom, m'humix dejjem huma il-fornituri diretti;
 6. Iqis li bħala applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-Istati Membri għandhom id-dritt li jiddefinixxu f'kull każ, skond l-użi u l-użanzi tagħhom, il-karatteristiċi u l-kompiti tas-servizzi soċjali; li jikkostitwixxu l-qalb tal-mudell soċjali Ewropew; madanakollu, jemmen li mbarra l-kriterji tradizzjonali ta' l-universalità, it-trasparenza u l-aċċessibilità,

għandu jkun hemm definizzjoni tal-mod li bih is-servizzi soċjali huma strutturati u organizzati;

7. Jidhirlu li d-dritt ta' l-Istati Membri li jiddefinixxu s-servizzi soċjali tagħhom stess għandu jsir kompatibbli maċ-ċertezza legali meħtieġa li tkun kapaċi tħares lill-awtoritajiet pubbliċi li jkunu l-garanti tas-servizzi soċjali, lill-fornituri tas-servizzi soċjali u lill-utenti ta' dawn is-servizzi u lill-pubbliku b'mod ġenerali fit-territorju kollu ta' l-UE;
8. Iqis li l-istatus ta' xi fornituri ta' servizzi bħal dawn li hu wieħed fejn ma jfittxux qliegħ għandu jkun meqjus kompatibbli mal-libertà ta' stabbiliment imħaddna fit-Trattati; bl-istess mod iqis li, minħabba n-natura speċifika ta' servizzi bħal dawn, il-ħlas ta' xi kumpens mill-amministrazzjonijiet responsabbli għall-forniment tas-servizzi soċjali lill-fornituri proprji għandu jitqies kompatibbli; jidhirlu li kumpens bħal dan m'għandux ikun meqjus bħala għajjnuna mill-Istat peress li l-prinċipju tal-kumpens huwa mwettaq;
9. Hu tal-fehma li l-estensjoni ta' dawn is-servizzi, li tista' tkun attribwita liż-żieda fil-ħtiġijiet, u l-ħolqien ta' servizzi ġodda għandhom il-potenzjal biex joħlqu l-impjegati li se jkollu impatt pożittiv ħafna fuq il-kisba ta' l-oġettivi ta' l-Istrateġija ta' Liżbona, speċjalment fir-rigward tal-ħaddiema nisa, peress li fis-servizzi soċjali l-istaff hu fformat l-aktar min-nisa, fuq naħa waħda, u min-naħa l-oħra l-espansjoni ta' dawn is-servizzi se tippermetti lin-nisa, b'mod partikulari, li jkomplu jkuu impjegati u jibqgħu fis-suq tax-xogħol;
10. Jinnota li esperjenza preċedenti f'xi Stati Membri turi li l-aċċettazzjoni tal-kompetizzjoni b'salvagwardji xierqa għas-settur tas-servizzi soċjali huwa fattur pożittiv għat-tkabbir ekonomiku u għall-ħolqien tax-xogħol, u biex titjieb il-kwalità tas-servizzi pprovduti;
11. Jilqa' b'sodisfazzjon il-possibilità li l-Kummissjoni tista' tiegħu l-inizjattivi intenzjonati biex iċaraw ir-regoli Komunitarji applikabbli għal dawn is-servizzi u biex jiddefinixxu t-tqassim tar-responsabilitajiet bejn l-UE u l-Istati Membri fil-każ li jinqalgħu ostakoli u diffikultajiet li għandhom x'jaqsmu mal-forniment ħieles ta' servizzi fis-suq intern.

PROĊEDURA

Titolu	Servizzi Soċjali ta' Interess Ġenerali fl-UE		
Numru tal-proċedura	2006/2134(INI)		
Kumitat responsabbli	EMPL		
Kumitat mitlub jagħti opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 15.6.2006		
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	0.0.0000		
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Luisa Fernanda Rudi Ubeda 4.9.2006		
Rapporteur preċedenti			
Eżami fil-kumitat	10.10.2006	21.11.2006	22.11.2006
Data ta' l-adozzjoni	23.11.2006		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	32 0 2	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Charlotte Cederschiöld, Mia De Vits, Janelly Fourtou, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, Christopher Heaton-Harris, Anna Hedh, Edit Herczog, Anneli Jäätteenmäki, Pierre Jonckheer, Alexander Lambsdorff, Kurt Lechner, Arlene McCarthy, Manuel Medina Ortega, Zita Pleštinská, Guido Podestà, Luisa Fernanda Rudi Ubeda, Heide Rühle, Leopold Józef Rutowicz, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Eva-Britt Svensson, József Szájer, Marianne Thyssen, Jacques Toubon, Bernadette Vergnaud		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Claude Fruteau, Benoît Hamon, Konstantinos Hatzidakis, Othmar Karas, Maria Matsouka, Joseph Muscat, Olle Schmidt, Anja Weisgerber		
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marie-Line Reynaud		
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	...		

21.11.2006

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET LEGALI

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarjiet Soċjali

dwar servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea
(2006/2134(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Gabriele Stauner

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarjiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarjiet Soċjali, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li ser jadotta:

1. Għandu dubji serji dwar jekk ir-regoli ta' l-UE dwar is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali jwasslux verament għal titjib reali għaċ-ċittadini u għal titjib fl-effiċjenza ta' dawn is-servizzi;
2. Jitlob għalhekk lill-Kummissjoni biex tuża r-riżultati ta' l-istudju li rreferiet għalih fil-Komunikazzjoni tagħha sabiex tispjega l-pożizzjoni tagħha fid-dettall, fuq il-bażi ta' fatti u ta' figuri, dwar il-kwistjoni tal-ħtieġa għal regoli bħal dawn fuq livell ta' l-UE kif ukoll dwar l-għan u t-tifsira ta' regolament ta' dan it-tip;
3. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tindika l-bażi legali li biħsiebha tuża għal xi dispożizzjonijiet legali li qed tikkunsidra; jirreferi, f'dan il-punt, għall-fatt li l-Artikolu 16 tat-Trattat KE ma jistax jipprovdi din il-bażi legali;
4. Jenfasizza l-ħtieġa, b'konnessjoni ma' xi regoli li qed tikkunsidra l-Kummissjoni, li jiġi osservat u applikat il-prinċipju tas-sussidjarjetà stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat KE b'konnessjoni mas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali;
5. Jenfasizza espliċitament li, fuq il-bażi tal-poteri tagħhom u tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, huma biss l-Istati Membri li jiddeterminaw x'jikkostitwixxi servizzi soċjali ta' interess ġenerali;
6. Jenfasizza li l-organizzazzjoni, l-iffinanzjar u l-istruttura tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali hija biss kwistjoni u responsabbiltà ta' l-Istati Membri;

7. Jirrifjuta, f'dan l-istadju u għal dawn ir-raġunijiet, iffinanzjar (imħallat) li tista' tkun qed tikkunsidra l-Kummissjoni bħala ndħil fir-responsabbiltajiet fundamentali ta' l-Istati Membri.

PROĊEDURA

Titolu	dwar servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea
Numru tal-proċedura	2006/2134(INI)
Kumitat responsabbli	EMPL
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 15.6.2006
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Gabriele Stauner 11.9.2006
Rapporteur għal opinjoni preċedenti	
Eżami fil-kumitat	3.10.2006
Data ta' l-adozzjoni	21.11.2006
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 13 -: 8 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Berger, Carlo Casini, Rosa Díez González, Giuseppe Gargani, Klaus-Heiner Lehne, Katalin Lévai, Antonio López-Istúriz White, Achille Occhetto, Aloyzas Sakalas, Gabriele Stauner, Andrzej Jan Szejna, Diana Wallis, Jaroslav Zvěřina
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Nicole Fontaine, Jean-Paul Gauzès, Othmar Karas, Eva Lichtenberger, Arlene McCarthy, Manuel Medina Ortega
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Sharon Bowles, Albert Deß, Ewa Klamt
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	

24.11.2006

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTJIET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

Is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea
(2006/2134(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Edit Bauer

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni li ser jadotta:

- A. billi l-Komunità u l-Istati Membri għandhom maqsuma bejniethom il-kompetenzi għal servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali,
 - B. billi l-prinċipju tas-sussidjarjetà jeħtieġ li jiġi rispettata u applikata fir-rigward ta' servizzi ta' interess ġenerali, skond l-Artikolu 5 tat-Trattat KE,
 - C. billi l-espansjoni tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali serviet biex ġibdet aktar nisa lejn il-forza tax-xogħol,
 - D. billi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali jagħtu kontribut essenzjali lill-valuri Komunitarji, bħall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-koeżjoni soċjali u territorjali, u billi huma marbuta mill-qrib mad-drittijiet soċjali fundamentali,
 - E. billi s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali m'humiex protetti kontra l-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar is-suq intern u l-kompetizzjoni, kulmeta jingħataw taħt il-kundizzjonijiet tas-suq, u billi huma affettwati bil-kbir minn bidliet fil-mod kif jiġu provduti, finanzjati u regolati s-servizzi,
1. Jagħmel osservazzjoni li s-servizzi soċjali, bħal kull servizzi ta' interess ġenerali, huma pilastru ċentrali tal-mudell soċjali Ewropew, li jagħti kontribut kruċjali għal-koeżjoni soċjali, għall-inklużjoni soċjali u għall-implimentazzjoni tad-drittijiet fundamentali;

2. Jisħaq fuq il-fatt li fi Frar 2006 il-Parlament ivvota favur li s-servizzi soċjali jiġu esklużi mid-Direttiva dwar is-Servizzi;
3. Jappoġġa l-iżvilupp ta' strument legali speċifiku għas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fil-livell Ewropew; Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta strument legali dwar is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali sabiex tikkjarifika l-mod kif is-servizzi soċjali jirrelataw mal-qafas ta' regoli legali ta' l-UE bħalma huma r-regoli dwar il-kompetizzjoni u dwar is-suq intern;
4. Jistieden lill-Kummissjoni biex toħloq aktar ċertezza legali fil-qasam tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali u biex tipproponi qafas leġislattiv li jikkjarifika l-qafas regulatorju li fih joperaw u jistgħu jiġu modernizzati, u biex tirrispetta l-libertà ta' l-Istati Membri li jiddefinixxu dawk li jqisuhom bħala servizzi soċjali ta' interess ġenerali u l-mod kif jiġu organizzati;
5. Itenni l-importanza tar-regolazzjoni tas-suq mill-Istati Membri fil-qasam tas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali u l-libertà ta' l-Istati Membri li jżommu jew joħolqu skemi ta' awtorizzazzjoni sabiex jiżguraw aċċess għal kulħadd, kontinwità u kwalità għolja ta' servizzi soċjali ta' interess ġenerali;
6. Jirakkomanda lill-Istati Membri biex, meta jiddefinixxu s-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, jagħtu kas ta' servizzi speċifiċi għall-ġeneru, l-aktar is-servizzi ta' konsultazzjoni u servizzi soċjali maħsuba b'mod partikulari għan-nisa, u servizzi importanti li jikkontribwixxu għall-kwalità tal-ħajja tan-nisa jew għall-ugwaljanza, bħalma huma s-servizzi tas-saħħa u l-edukazzjoni;
7. Jistieden lill-Istati Membri biex jiggarantixxu aċċess mingħajr diskriminazzjoni għaċ-ċittadini kollha, partikularment għal gruppi żvantaġġjati, inkludi ommijiet waħedhom u nisa kbar fl-età, għas-servizzi soċjali ta' interess ġenerali;
8. Jistieden lill-Istati Membri biex, fil-politiki tagħhom dwar is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali, jagħmlu progress aktar mgħaġġel biex jintlaħqu l-għanijiet ta' Liżbona u Barċellona li jkun żgurat livell ogħla ta' rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u l-ħajja privata.
9. Jitlob lill-Kummissjoni biex tinkludi, fir-rapporti tagħha dwar il-monitoraġġ, kwistjonijiet dwar l-inklużjoni soċjali u dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u biex tintegra d-drittijiet tat-tfal f'politiki speċifiċi;
10. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu studju dwar l-impatt relatat mal-ġeneru tad-diversi servizzi ta' interess ġenerali u biex jiżguraw rispettu għal-leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni fil-forniment ta' servizzi soċjali ta' interess ġenerali;
11. Jirakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jikkonsultaw mal-partijiet kollha rilevanti li għandhom interess, inklużi rappreżentanti ta' l-organizzazzjonijiet tan-nisa u organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw il-jeddijiet tat-tfal u tal-persuni b'diżabilitajiet;

PROĊEDURA

Titolu	Is-servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea	
Numru tal-proċedura	(2006/2134(INI))	
Kumitat responsabbli	EMPL	
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	FEMM 15.6.2006	
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja		
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Edit Bauer 22.6.2006	
Rapporteur preċedenti		
Eżami fil-kumitat	5.10.2006	23.11.2006
Data ta' l-adozzjoni	23.11.2006	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 13 -: 3 0: 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Hiltrud Breyer, Ilda Figueiredo, Věra Flasarová, Zita Gurmai, Esther Herranz García, Livia Járóka, Pia Elda Locatelli, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Christa Prets, Eva-Britt Svensson, Britta Thomsen	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Anna Hedh, Sophia in 't Veld, Heide Rühle, Bernadette Vergnaud	
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali		
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	...	

PROCĊEDURA

Titolu	Servizzi soċjali ta' interess ġenerali fl-Unjoni Ewropea				
Numru tal-proċedura	2006/2134(INI)				
Kumitat responsabbli Data ta' l-awtorizzazzjoni mħabbra fis-seduta plenarja	EMPL 15.6.2006				
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 15.6.2006	ENVI 15.6.2006	IMCO 15.6.2006	JURI 15.6.2006	FEMM 15.6.2006
	ITRE 15.6.2006				
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	ITRE 20.6.2006				
Koperazzjoni aktar mill-qrib Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja					
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Joel Hasse Ferreira 3.5.2006				
Rapporteur(s) preċedenti					
Eżami fil-kumitat	23.11.2006	18.12.2006	28.2.2007		
Data ta' l-adozzjoni	1.3.2007				
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ 34 - 1 0 5				
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Andersson, Alexandru Athanasiu, Roselyne Bachelot-Narquin, Emine Bozkurt, Philip Bushill-Matthews, Alejandro Cercas, Christina Christova, Derek Roland Clark, Proinsias De Rossa, Harlem Désir, Harald Ettl, Richard Falbr, Carlo Fatuzzo, Ilda Figueiredo, Joel Hasse Ferreira, Stephen Hughes, Karin Jöns, Jan Jerzy Kułakowski, Jean Lambert, Raymond Langendries, Bernard Lehideux, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Ana Mato Adrover, Maria Matsouka, Marie Panayotopoulos-Cassiotou, Pier Antonio Panzeri, Jacek Protasiewicz, José Albino Silva Peneda, Kathy Sinnott, Jean Spautz, Gabriele Stauner, Anne Van Lancker				
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Edit Bauer, Françoise Castex, Donata Gottardi, Sepp Kusstatscher, Roberto Musacchio				
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	André Brie, Jaromír Kohlíček, Anja Weisgerber				
Data tat-tressiq	6.3.2007				
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)					